MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 93/2002/1

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Implementazzjoni ta’ l-Immaniggjar ta’ l-Iskart**

**vs**

**Peter Montebello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent Peter Montebello fl-1 ta’ Frar, 2002 fejn wara li espona:

1. Illi huwa rcieva minghand Direttur tad-Dipartiment ghall-Implementazzjoni ta’ l-Immaniggjar ta’ l-Iskart ittra ufficjali fejn gie nfurmat li saret id-dikjarazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 466 (1) tal-Kap 12;
2. Illi preliminarjament ir-rikorrent qed jissolleva n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti kemm *ratione materiae* kif ukoll *ratione valoris*;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet avanzati mid-Direttur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz ma huwiex dovut u dan ghaliex ir-rikorrent qatt ma ghamel radam kif qed jigi allegat mid-Dipartiment;

4. Illi ghalhekk l-esponent qed jopponi ghal din id-dikjarazzjoni ai termini ta’ l-artikolu 466 (2) tal-Kap 12.

Talab:

Lil din wisq Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba maghmula mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Implementazzjoni ta’ l-Immaniggjar ta’ l-Iskart bhala wahda nfondata u dan taht kull provvediment ulterjuri li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun u joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li ebda ammont ma huwa dovut.

Rat ir-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Implementazzjoni ta’ l-Immaniggjar ta’ l-Iskart fejn wara li espona:

1. Illi l-ammont ta’ tliet mija u tmintax-il lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm318.71c), huma dovuti lid-Dipartiment ghall-Implementazzjoni ta’ l-Immaniggjar ta’ l-Iskart rapprezentanti dritt ghad-depozitu ta’ radam li r-rikorrent Peter Montebello ghamel matul is-snin 1999 u 2000, u dan ai termini ta’ l-Artikoli 8 u 9 tar-regolamenti ta’ l-1997 dwar drittijiet ghad-depozitu ta’ Kull Skart u Radam (ta’ l-Avviz Legali Numru 128 ta’ l-1997).

2. Illi l-Artikolu 19 ta’ l-Avviz Legali Numru 128 ta’ l-1997 jipprovdi li d-drittijiet preskritti fl-istess regolamenti jistghu jingabru bil-mod li jiddisponi l-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ghall-gbir ta’ somom dovuti lid-Dipartiment esponenti.

3. Illi l-procedura taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija procedura specjali li permezz taghha l-Gvern jista’ jipprocedi ghall-hlas ta’ krediti tal-Gvern, li ghadha

ssir permezz ta’ att gudizzjarju, liema att gudizzjarju jista’ jigi ntavolat biss quddiem Qorti;

4. Illi a tenur ta’ l-Artikolu 466 (2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, r-rikorrenti irid jipprova li dan l-ammont mhux dovut.

5. Illi minghajr predugizzju ghall-premess ir-rikorrenti, huwa sid il-vetturi, li permezz taghhom ghamel ir-radam, kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Talab:

Lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti, u tikkundannah sabiex ihallas l-ammont dovut lill-esponenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta’ ittra ufficjali li d-direttur intimat kien ghamel fl-20 ta’ Novembru, 2001 kontra l-konvenut fejn talab il-hlas ta’ tlett mija u tmintax-il lira u wiehed u sebghin centezmi (Lm318.71) bhala hlas wara depozitu ta’ radam fis-snin 1999 u 2000. Filwaqt illi r-rikors promotur huwa pjuttost neboluz ghal dawk illi huma r-ragunijiet, mix-xhieda ta’ l-istess rikorrent, jirrizulta illi l-opposizzjoni tieghu qieghda principalment fil-fatt li hu kien *sub contracted* mis-socjeta’ *Earthcare* illi kienet hadet kuntratt minghand l-Enemalta ghal depozitu ta’ rmied ta’ faham u kwalunkwe hlasijiet kellhom jigu ndirizzati lill-Enemalta u mhux lilu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi r-rikorrent qajjem eccezzjoni ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti kemm *ratione materiae* kif ukoll *ratione valoris.* Il-Qorti difficli tifhem kif ir-rikorrent qieghed volontarjament jadixxi din il-Qorti u mbaghad fl-istess hin jissolleva n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni taghha. Il-fatt biss illi r-rikorrent qieghed volontarjament jissottometti ruhu ghal gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti, tfisser li qieghed jaccetta l-awtorita’ u l-istitut legali taghha. Dana apparti l-fatt illi ma

ngabet l-ebda accenn ta’ prova ghal xhiex kien qed jirreferi b’din l-osservazzjoni. Ghalhekk il-Qorti sejra tiskartaha u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Irrizulta mill-provi li Adrian Bonello ghan-nom tad-Direttur intimat spjega illi l-vetturi ABE 749 u FAW 971 huma proprjeta’ tar-rikorrent u registrati mad-direttur intimat ghall-garr ta’ skart. Din il-prova ngabet permezz tad-dokumenti tar-registrazzjoni fejn dawn iz-zewg vetturi jidhru li huma proprjeta’ personali tar-rikorrent Peter Montebello (Fol 23 u 24). Montebello esebixxa sensiela ta’ dokumenti (fol 35 sa fol 77) fejn jidher is-servizz li gie pprovdut mid-Direttur intimat lir-rikorrent ghad-depozitu ta’ radam u mhux irmied.

L-avukat tar-rikorrent qal li dawn id-dokumenti huma kollha ntestati lis-socjeta’ *Peter Plant Hire Limited* u mhux lil Peter Montebello. Fil-fatt hekk jidher f’dawn id-dokumenti, pero’ fl-istess hin hemm isem l-intimat Peter Montebello bl-indirizz korrett tieghu, kif l-istess Montebello ndika fir-rikors promotur. Barra minn hekk il-vetturi ntuzati huma dawk indikati aktar ‘l fuq illi kif gia nghad huma registrati f’isem ir-rikorrent ghal trasport ta’ materjal u fdal ta’ kostruzzjoni ghad-depozitu l-Maghtab. Ghalhekk il-Qorti lesta tikkonsidra dawn id-dokumenti bhala servizz moghti lir-rikorrent.

Dan minn naha tieghu jghid li l-vetturi huma proprjeta’ tieghu u jikkommercja f’ismu personali. Spjega kif darba hu kien gie *sub contracted* mis-socjeta’ Earthcare biex igorr faham u rmied ta’ l-Enemalta lejn il-Maghtab. Ghal dan is-servizz thallas direttament mis-socjeta’ *Earthcare.* Jkompli jghid *“jiena ma kellix ftehim mad-dipartiment ta’ l-iskart dwar il-garr ta’ dan il-faham”.* Ikompli jispjega illi meta hareg mill-Maghtab kien l-impjegat ta’ l-Enemalta li ffirma c-*chit* u mhux hu.

Ronnie Balzan li kien direttur tas-socjeta’ *Earthcare* spjega illi darba kien ha *tender* mill-Enemalta ghal garr ta’ faham u rmied. Peress illi l-ingenji tieghu saritilhom xi hsara, kien ikkuntratta lil Peter Montebello sabiex igorr

dan il-materjal u spjega l-arrangament illi kellu ma' l-Enemalta.
Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali rrizulta konflitt bejn ix-xhieda li ta r-rikorrent u d-dokumenti esebiti, filwaqt illi r-rikorrent ighid illi f'dan il-kaz il-konsenja kienet faham u rimed. Id-dokumenti juru li s-servizz kien ghad-*dumping* ta' materjal u rimi ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk, dawn l-istess dokumenti jidher car illi l-materjal ingarr f'zewg vetturi illi bla ebda dubbju huma proprjeta' ta' Peter Montebello. Dawn il-vetturi huma wkoll registrati mad-direttur intimat ghall-garr ta' l-Iskart. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi r-rikorrent ma gabx provi bizzejjed fi grad li trid il-Ligi biex jipprova li l-ammont li qed jitlob id-Direttur intimat mhuwiex dovut, anzi rrizulta ampjament ippruvat illi d-Direttur bir-ragun ghandu jitlob l-ammont reklamat minghand ir-rikorrent u mhux minghand xi entita' jew persuna ohra.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti tqis it-talba tad-Direttur intimat bhala wahda gustifikata u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------